MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 25/2026-9**

**L-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija peress li kulħadd kien preżenti.

25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 24/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

25.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

25.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk il-minuti ġew approvati u ffirmati.

25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku nforma lil membri bil-ħsara li ġiet ikkawżata minn 'Hurricane Harry' fejn qal li fl-inħawi tal-Qbajjar u x-Xwejni kienu akbar mill-ħsarat fiż-Żebbuġ. Informa lil membri li nqalgħet parti mill-*bridge* tal-Qbajjar, tħawwar taħt il-passaġġ fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer, tkissru l-fanali, ir-*railing* li sar riċentement tkaxkar il-baħar u l-bankijiet u l-fanali tkissru wkoll. Irringrazzja lil ħaddiema tal-Kunsill, il-Public Cleansing u lil volontiera talli għenu fl-indafa.

25.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li s-Sur J Bajada tkellem miegħu fuq żjara f'Maletto, Sqallija għal Festa tal-Frawli li ssir bejn it-3 u 5 ta' Lulju. Il-membri qablu li l-Kunsill jiprova jikseb fond għal din iż-żjara u tinfetaħ għar-residenti wkoll.

25.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex l-ismijiet tat-toroq fil-lokalita' jinbidlu għal dawk PVC oħxon minflok tal-fuħħar

25.3.3 Propona li tiġi organizzata ħarġa għar-residenti f'Malta u tombla oħra. Il-membri qabu li tiġi organizzata ħarġa però l-Viċi Sindku ma qabilx li ssir tombla ħalli ma' ntellfux lil Għaqdiet. Il-membri qablu ma' dan.

25.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li ġew mitluba kwotazzjonijiet għal *bus shelter* fi Triq Santa Marija però propona sabiex qabel tinbena l-bankina għal aktar sigurtà. Il-membri qablu li għandha ssir talba mal-Gozo LC Works għal materjal tal-bankina.

25.3.5 Is-Sindku nforma lil membri li saret trinka fi Triq il-Knisja sabiex ikun jista' jinxtegħel l-arblu tal-bandiera u Ġnien iż-Żebbuġ. Propona u l-membri qablu sabiex jitranġa is-sejjiegħ ta' fejn l-arblu.

## 25.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

25.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

25.4.1.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex terġa tintbgħat tfakkira rigward il-perikolu li hemm fi Triq Għajn Mhelhel u Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmah illi fi Triq Għajn Mhelhel sar l-ittestjar bit-*terracore*. Il-Viċi Sindku talab sabiex issir aktar pressjoni minn naħħa tal-Kunsill.

25.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

25.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Cini infurmat lil membri li mhi ser tressaq l-ebda talba għalissa minħabba l-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill.

25.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

25.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli informa lil membri li hu wkoll bħal kollega tiegħu m'hu ser iressaq ebda talba.

25.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu sabiex issir kaxxa safra quddiem l-intrata tad-dar ta' J. Zammit fi Triq Skappuċċina. Qablu wkoll sabiex issir rampa għal ġod-dar għall-aċċessibilita'.

## 25.5 Laqgħa tal-Lokalita'

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill għandu bżonn jagħmel il-laqgħa tal-lokalita'. Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026 fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

## 25.6 Proposti għall-Budget 2026

Bi tħejja għal *Budget* għas-sena 2026, is-Sindku propona u l-membri qablu illi jiddaħħlu l-ħames proġetti ġa mibdija jew li diġà sar xi xogħlijiet fuqhom u li huma:-

- Riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Assunta (Fondi tad-DPF)
- Tibdili tal-fanali taċ-Ċentru taż-Żebbuġ (Fondi tad-DPF)
- Riġenerazzjoni ta' Triq iċ-Ċaqra (Fondi tad-DLG)
- *Upgrading* tal-Playing Field tal-Virtut (Fondi tad-DLG)
- Restawr tal-Kanuni tal-Pjazza (Fondi Eco-Gozo)

Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini fakkret sabiex fil-*Budget* jitniżżel ukoll budget għal Festa. Is-Sindku nfurmaha li ser jitmexxa kollox bħas-snin preċedenti.

## 25.7 Materji Oħra

25.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjonijiet għas-sound ta' l-attivitajiet tal-Karnival. Il-membri qablu li għandha tintgħażel l-irħas offerta. Is-Sindku nforma lil membri li l-Karnival fiż-Żebbuġ ser isir fl-10 ta' Frar 2026 fis-2pm waqt li l-Karnival f'Marsalforn ser isir fil-15 ta' Frar 2026 fil-11am. Kompla jgħid illi l-Kunsill kiseb finanzjament ta' €1,500 u €5,000 mill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat għal Gvern Lokali rispettivament.

25.7.2 Fond t'Aġġustament tas-sena 2026. Il-membri qablu li dawn għandhom jintużaw fl-indafa u l-irranġar tal-ħsarat ikkawżati bil-maltemp.

25.7.3 Korrispondenza mill-Kuratur ta' Riħ id-Deheb fejn talab lil Kunsill sabiex ma jagħtix aktar permessi ta' makkinarju goff fuq l-għar li jinsab taħt it-triq. Talab ukoll sabiex din it-triq tingħalaq kompletament għal vetturi tqal u dan peress li jibża li l-għar jisfronda u jagħmel ħsara lil propretajiet. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jintalab il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

25.7.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li rċievet żewġ kwotazzjoni għax-xogħol ta' kontrabejt fuq il-garaxx tal-bandli tal-Virtut. Il-membri qablu li tingħata lil irħas offerant.

25.7.5 Rigward ic-*charging pillar* li qed issir fi Triq is-Salini, s-Sindku nforma lil membri li hemm xi sidien ta' l-egħlieqi ma jriduhiex. Il-Kunsill qed jikkordina mal-Kuntrattur sabiex din titneħħa minn hemm. Il-Viċi Sindku propona biex din issir aktar il-ġewwa fl-istess triq.

25.7.6 Talba minn JP2 Foundation fejn talbu lil Kunsill sabiex jidħol f'kollaborazzjoni magħhom għal attivita' li ser issir fil-Knisja taż-Żebbuġ. Il-membri ma qablux ma dan.

25.7.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi għandha bżonn terġa' tiġi mġedda l-polza t'Assigurazzjoni fuq *basic scheme.* Il-membri qablu.

25.7.8 Talba mill-Chev. Joe M Attard sabiex jinxtara ktieb tal-poeżiji għal-librerija 'L-għanja tat-tifkira'. Il-membri qablu li tinxtara kopja.

25.7.9 Talba sabiex issir *un/loading bay* quddiem il-garaxx tal-Calypso Dive Centre fi Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu li din għandha tgħaddi għal attenzjoni ta' Transport Malta.

25.7.10 Talba minn C. Vella sabiex jinbena' ħajt fi Triq is-Salini. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

25.7.11 Talba sabiex titranġa l-*pitch* tal-boċċi li hemm fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer. Il-membri qablu li jsir il-manteniment meħtieġ. Qablu li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

25.7.12 Talba mingħand S. Cini sabiex jinżebgħ *yellow line* quddiem l-entratura għal għar fi Triq Ġoma. Il-membri qablu.

25.7.13 Bozza li għamlet ħsara lil post ta' resident fi Triq is-Sagħtrija. Is-Sindku nforma lil membri li r-Reġjun t'Għawdex sab post alternattiv għal din il-bozza u għalhekk il-Kunsill irid isewwi l-ħsara li saret mal-proprjeta' privata. Il-membri qablu.

25.7.14 Talba minn C Xuereb fejn informa lil membri li qed iżomm l-ilma quddiem rampa fi Triq Sant' Indrija. Il-membri qablu li ttitqaxxar ftit it-triq u jingħata ftit siment.

25.7.15 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet Rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni fuq l-offerti:-

22.7.16
- ZGLC/05/2025 – *Tender for the Supply of Ready Mix Concrete for the Zebbug Local Council, Gozo.* Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk din l-offerta għandha tingħata lil Peter Paul Said.
- ZGLC/06/2025 – *Supply and Installation of Energy Efficient Street Ligting Across Various Locations around Zebbug (Gozo) Centre.* Il-membri qablu mar-rakkomadazzjoni tal-Bord u għalhekk din l-offerta għandha tingħata lil Richard Cauchi.

25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 19/2026 għall-perjodu ta' Jannar 2026 li tammonta għal €121,710.29c ġiet approvata mill-membri preżenti .

**25.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.20 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv